MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 63/2006

**Is-socjeta KPMG u Raymond Azzopardi, Alfred Cremona, Hilary Galea Lauri, Noel Mizzi, Eric Muscat, Pierre Portelli, Joseph Schembri, Andre Zarb, Tonio Zarb, Juanita Bencini, Mark Bamber, David Caruana, u Anthony Pace**

**Vs**

**Antonius Glieden Detlef u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2007 l-avukat Dottor Kevin Mompalao gie nominat kuratur deputat ghall-assenti konvenuti Antonius Glieden Detlef**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-14 ta' Gunju 2006 mill-atturi li permezz tieghu ppremettew li:-

Il-konvenut ghandu jaghtihom l-ammont ta’ hamest elef disgha mija u sittin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm5,960.20) rapprezentanti hlas dovut ghal servizzi professjonali moghtija lill-konvenut skond kif jirrizulta minn statement anness u markat Dokument A.

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u maghluq skond il-ligi u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta’ fatt.

Illi l-konvenut ghalkemm gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas id-dejn, inkluz li baghat ittra ufficjali datata 22 ta’ Mejju 2006, baqa’ inadempjenti.

Illi l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet validi x’jaghti kontra din it-talba.

Ghalhekk talbu l-atturi sabiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u prevja kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-ligi :-

1. Tiddikjara lill-konvenut debitur favur l-atturi fis-somma ta’ hamest elef disgha mija u sittin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm5,960.20).
2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ hamest elef disgha mija u sittin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm5,960.20).

Rat id-digriet moghti fid-29 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu gie mahtur l-avukat Dr. Kevin Mompalao sabiex jirraprezenta lill-assenti konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ April 2007 (fol. 44) fejn il-konvenut nomine nghata d-dritt li jikkontesta l-kawza.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fl-24 ta’ April 2007 (fol. 45) u li permezz taghha l-konvenut nomine eccepixxa :-

1. Illi fl-ewwel lok minn *statements* esebiti jidher li n-negozju guridiku sar ma KPMG u mhux mal-bqija tal-atturi msemmija f’din il-kawza u ghalhekk il-konvenut qed

jeccepixxi illi huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-bqija ta’ l-atturi cjoe’ l-atturi oltre KPMG.
2. Illi fit-tieni lok KPMG ma ghandha l-ebda personalita’ guridika ghalhekk ma tistax tagixxi bhala attrici f’din il-kawza.
3. Illi bla pregudizzju a suespost is-somma ta’ elfejn mija u tlieta u tmenin lira Maltija (Lm2,183) illi tirreferi ghal servizzi rezi fid-disgha (9) ta’ Jannar elfejn u erbgha (2004) hija preskritta ai termini ta’ l-artiklu 2149(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16).
4. Illi minghajr pregudizzju l-esponenti jiddikjara illi m’huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhek jirrizerva li jipproduci risposta ulterjuri wara illi jirnexxielu jikkomunika mar-rapprezentat tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Mejju 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :-

1. Permezz ta’ dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta’ hamest elef disgha mija u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm5,960.20) ghal servizz rezi lill-konvenut nomine. Sal-lum minn dan l-ammont ghadu ma thallas xejn.

2. Mill-provi rrizulta li KPMG hija socjeta’ civili. Ghalhekk bhala tali, is-socji ghandhom kull dritt li jharrku lill-konvenut nomine ghas-servizzi professjonali li nghata. L-istess socjeta’ ghandha l-istess, kull dritt li tharrek f’isimha ghaliex ghandha personalita’ guridika (ara f’dan is-sens sentenza fl-ismijiet **Perit Patrick Camilleri proprio et nomine et vs Joseph Pace et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Marzu 2002). Il-fatt li l-kawza saret mis-socjeta’ u s-socji, mhi ta’ l-ebda pregudizzju ghall-konvenut li m’huwiex ser jigi mgieghel ihallas darbtejn in kwantu l-obbligazzjoni hija wahda u kif

isir il-hlas issehh l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni. Skond il-ligi, mhux kumpaniji biss ghandhom personalita` guridika, izda kull ghaqda jew assocjazzjoni ta` persuni hija *"persuna"* fis-sens legali (Artikolu 4(d) tal-Att dwar Interpretazzjoni 1975 u **Malta Dairy Products Ltd vs General Workers Union**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta` Novembru, 2000).

*3.* Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Skond l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili, l-azzjoni ta' *'l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu'*. Mill-provi rrizulta li l-kawza giet prezentata (14 ta' Gunju 2006) ezatt eghluq is-sentejn mid-data li nhareg l-ewwel kont (14 ta' Gunju 2004). Wiehed ma jridx jinsa li *f'materja limitattiva tal-azzjoni, bhal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima* (**Prof. Anthony J. Mamo ne vs Nutar Emmanuele Agius** deciza fil-25 ta' Novembru 1957 mill-Qorti ta' l-Appell – Volum XLI.i.546). F'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Stuart G. Craig proprio et nomine vs George Mifsud** deciza fis-27 ta' Marzu 1998, gie osservat :- *L-artikolu 2137 tal-Kodici Civili jipprovdi illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda* <u>*minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata*</u> *minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Certament l-azzjoni f'dan il-kaz setghet tigi ezercitata almenu zgur mid-data li fiha s-socjeta' attrici talbet formalment u bil-miktub il-pagament*. Din il-kawza kienet ukoll tittratta hlas ta' drittjiet ghall-ghoti ta' servizzi professjonali (kien jinkludi *auditing* tal-*financial statement*). Il-Qorti kompliet tosserva:- *Hu anke pertenenti l-artikolu 2151 tal-Kap 16 fir-rigward tas-sottomissjoni ta' l-attur nomine li s-servizzi setghu baqghu ghaddejjin matul is-snin ta' wara. Dan l-artikolu jipprovdi illi "Fil-kazijiet imsemmija fl-ahhar erba' artikoli qabel dan (allura wkoll fl-artikolu 2149 li qed jigi konsidrat f'din is-sentenza) ikun hemm lok ghall-preskrizzjoni ghad li kien hemm kontinwazzjoni ta' forirnituri, kunsinni bil-kreditu, xoghlijiet,*

*servizzi jew qadi iehor." Hu stabbilit fil-gurisprudenza li l-kontinwita' jew reiterazzjoni tas-servizzi u servigi ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servizzi jew servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri (Michelina Mallia et -vs- Carmela Cutajar deciza fil-Prim Awla fil-25 ta' Lulju 1969 per Imhallef M. Caruana Curran kif ukoll Vol XXXIX pII p515.)*

*"Il periodo suddetto (preskrizzjoni ta' sentejn preskrittiva ta' l-azzjoni ta' tobba u ohrajn ghall-hlas ta' preskrizzjonijiet personali) cominicia a correre dalla prima visita, operazione o somministrazione, sebbene, in qualunque tempo anteriore, remoto o prossimo, fossero state fatte altre visite, operazioni o somministrazioni." (Vol XI p.354 "Dr. Paolo Terreni -vs- Banchiere Giuseppe Scicluna deciza minn din il-Qorti)*

4. Inoltre, l-atturi jsostnu[1] li fl-ghoti tas-servizzi l-atturi fethu kont u fit-28 ta' Jannar 2005 thallset is-somma ta' mija u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm140.40) bhala hlas akkont. Skond il-gurisprudenza, *'..hu meqjus illi l-kont kurrent ikun jirraprezenta dejn wiehed in kwantu l-kontraenti jkunu hekk qablu li kellu jigi meqjus, in kwantu t-transazzjonjiet kollha kienu minnhom konsidrati bhala operazzjonijiet differenti fl-istess negozju bejniethom'* (**Carmelo Pace Gasan noe vs George Spiteri noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' April 2001). F'din l-istess sentenza nghad li fil-kaz ta' kont kurrent, il-preskrizzjoni kellha tiddekorri mill-ahhar konsenja registrata fil-kont kurrent u mhux qabel. Anke f'dawn ic-cirkostanzi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni m'hijiex gustifikata, apparti l-fatt li l-hlas akkont li sar fit-28 ta' Jannar 2005 serva sabiex tinkiser il-preskrizzjoni[2].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-

[1] Ara xhieda ta' Joseph Camilleri Bowman moghtija fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2007.
[2] Artikolu 2134 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

konvenut, tilqa' t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' hamest elef disgha mija u sittin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm5,960.20).

Spejjez kollha huma a karigu tal-konvenut b'dan li fir-rigward tal-ispejjez tal-kuratur deputat dawn huma provizorjament a karigu tal-atturi, u bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------